



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0247/2010

14.9.2010

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor (COM(2010)0381 – C7-0201/2010 – 2010/0205(CNS))

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

Rapporteur: Sharon Bowles

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura legiżlattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Fl-emendi li jsiru mill-Parlament, it-test emendat huwa indikat b'tipa ***grassa u korsiva***. Test *korsiv normal* huwa indikazzjoni għas-servizzi tekniċi li turi partijiet tal-abbozz ta' att li għalihom qed tkun proposta korrezzjoni bl-iskop li tgħin fil-preparazzjoni tat-test finali (pereżempju, żbalji ovvjji jew nuqqasijiet f' verżjoni lingwistika partikolari). Il-korrezzjonijiet proposti huma soġġetti għall-qbil tas-servizzi tekniċi involuti.

L-intestatura ta' kwalunkwe emenda għal att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, ikun fiha t-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att. Il-partijiet li jittieħdu kif inhuma minn dispożizzjoni eżistenti li l-Parlament jixtieq jemenda, imma li l-abbozz ta' att ma jkunx emenda, huma indikati b'tipa ***grassa***. It-tħassir eventwali li jikkonċerna dawn il-partijiet jiġi indikat kif ġej: [...].

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW.....	5
NOTA SPJEGATTIVA	7
PROCĊEDURA	9

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor
(COM(2010)0381 – C7-0201/2010 – 2010/0205(CNS))

(Proċedura leġiżlattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2010)0381),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 113 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C7-0201/2010),
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0247/2010),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif ġiet emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex tbiddel il-proposta tagħha f'dan is-sens, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat FUE;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva – att li jemenda
Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(6) *Il-miżuri neċessarji* għall-

(6) *Għandhom jiġu żgurati kondizzjonijiet*

¹ Opinjoni ta' (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

implimentazzjoni tar-regoli dettaljati, li jinkludu formoli komuni fejn neċessarju, fuq sottomissjonijiet elettroniċi u n-notifikazzjonijiet msemija fid-Direttiva 2008/9/KE *għandhom jiġu adottati b'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li ttipprovdi l-proċeduri għall-eżerċizzju tas-setgħat tal-implimentazzjoni konferiti fuq il-Kummissjoni.*

uniformi għall-implimentazzjoni tar-regoli dettaljati, li jinkludu formoli komuni fejn neċessarju, fuq sottomissjonijiet elettroniċi u n-notifikazzjonijiet msemija fid-Direttiva 2008/9/KE. **L-Artikolu 291 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li r-regoli u l-prinċipji ġenerali relatati mal-mekkaniżmi għall-kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat implimentattivi tagħha jiġu stabbiliti minn qabel b'regolament adottat skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Sakemm jiġi adottat tali regolament, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/468/KE tat-28 ta' Ġunju 1999 li tistabbilixxi l-proċeduri għall-eżerċitar tal-poteri tal-implimentazzjoni mogħtija lill-Kummissjoni¹ jibqgħu applikabbli, b'eċċezzjoni għall-proċedura regolatorja bi skrutinju li mhux applikabbli fil-qafas ta' din id-Direttiva.**

¹ ĠU L 184, 17.7.1999, p. 23.

Ġustifikazzjoni

L-emenda tfakkar il-fatt li r-regolament ġejjini dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 291 tat-TFUE għandu ma ġiex adottat. Għaldaqstant ir-reġim għall-perjodu interim jeħtieġ li jiġi kkjarifikat, b'konformità mal-pożizzjoni tal-Parlament f'dan ir-rigward.

NOTA SPJEGATTIVA

Sfond u r-raġunijiet għall-proposta

Id-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE¹ (Id-direttiva dwar ir-rifużjoni tal-VAT) tistabbilixxi r-regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni. Id-Direttiva għandha l-għan li tissemplifika l-proċess ta' rifużjoni tal-VAT u tnaqqas il-piżijiet amministrattivi, billi tiġi introdotta proċedura elettronika li tippermetti lil min iħallas it-taxxa jissottometti talba ta' rifużjoni waħda fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit.

L-applikazzjonijiet għal rifużjoni għandhom ikunu preżentati lill-Istat Membru ta' stabbiliment sat-30 ta' Settembru tas-sena kalendarja ta' wara l-perijodu ta' rifużjoni. Is-sistema elettronika introdotta permezz tad-direttiva dwar ir-rifużjoni tal-VAT kellha tiġi stabbilita mill-Istati Membri mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 2010.

Madankollu, xi Stati Membri fetħu l-portali tal-internet tagħhom tard ħafna (nofs Mejju 2010), filwaqt li xi wħud kelhom diversi problemi tekniċi. Għaldaqstant, l-eżerċizzju effettiv tad-dritt tat-tnaqqis tal-persuna taxxabbli ġie ppreġudikat serjament.

Barra mill-problema msemmija hawn fuq, in-negozji lmentaw dwar id-diverġenzi bejn l-Istati Membri fir-rigward ta' xi dettalji tekniċi li jikkonċernaw it-tħaddim prattiku tal-portali nazzjonali tal-internet.

Objettivi tal-proposta

Il-proposta għandha l-għan li temenda d-direttiva tar-rifużjoni tal-VAT sabiex:

- tissalvagwardja d-dritt ta' min iħallas it-taxxa sabiex inaqqas il-VAT, billi d-data ta' skadenza għas-sottomissjoni tat-talbiet ta' rifużjoni għall-ispejjeż tal-2009 tiġi posposta minn Settembru 2010 għall-Marzu 2011;
- tiġi pprovduta possibbiltà biex ċerti miżuri ta' implimentazzjoni jtejbu l-funzjonament tal-portali tal-internet.

Rimarki tar-rapporteur

Ir-rapporteur tappoġġja l-proposta tal-Kummissjoni u jiddispijaċih għad-dewmien fl-implimentazzjoni tal-miżuri elettroniċi tar-rifużjoni tal-VAT minn numru ta' Stati Membri. Ir-rapporteur tfakkar li rifużjoni tard tal-VAT tista' jkollha konsegwenzi finanzjarji serji għall-kumpaniji li joperaw fis-suq intern u għaldaqstant jista' jkollha effett detrimental għall-irkupru tal-ekonomija fl-UE u għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern.

¹ **Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE** li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifużjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud, prevista fid-Direttiva 2006/112/KE, għal persuni taxxabbli mhux stabbiliti fl-Istat Membru ta' rifużjoni iżda stabbiliti fi Stat Membru ieħor

Barra minn dan, ir-rapporteur tipproponi emenda sabiex jiġi èċarat ir-reġim interim, sakemm jiġi adottat ir-regolament li jimplimenta l-Artikolu 291 tat-TFUE (reġim post-komitoloġija). Din l-emenda, li hija bbażata fuq prattika stabbilita tal-PE, tiżgura li d-drittijiet tal-Parlament Ewropew fil-qafas tal-proċedura ta' komitoloġija jiġu ssalvagwardjati b'mod xieraq matul il-perjodu interim.

PROĊEDURA

Titolu	Emenda tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/9/KE li tistabbilixxi regoli dettaljati għar-rifuzzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud
Referenzi	COM(2010)0381 – C7-0201/2010 – 2010/0205(CNS)
Data meta ġie kkonsultat il-PE	17.8.2010
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ECON 7.9.2010
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Sharon Bowles 20.7.2010
Eżami fil-kumitat	6.9.2010
Data tal-adozzjoni	13.9.2010
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 35 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Burkhard Balz, Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, Nikolaos Chountis, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Diogo Feio, Markus Ferber, Elisa Ferreira, Vicky Ford, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Liem Hoang Ngoc, Othmar Karas, Wolf Klinz, Jürgen Klute, Werner Langen, Astrid Lulling, Hans-Peter Martin, Alfredo Pallone, Antolín Sánchez Presedo, Edward Scicluna, Kay Swinburne, Marianne Thyssen, Ramon Tremosa i Balcells, Corien Wortmann-Kool
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Herbert Dorfmann, Sari Essayah, Ashley Fox, Danuta Maria Hübner, Sophia in 't Veld, Ramón Jáuregui Atondo, Philippe Lamberts, Olle Ludvigsson, Zoran Thaler
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Matthias Groote
Data tat-tressiq	14.9.2010